A.L. 127 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) KAP. 161 BDIL TA' 'STOCK'

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Bdil ta' Lm3,000,000 6½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1991

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li Lm3,000,000 6½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1991 li għandu jitħallas lura fil-21 ta' Settembru, 1991, jista' jinbidel fi *stock* reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll, li għall-bdil ta' Lm3,000,000 6½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1991, għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1996/97 (il-ħames ħruġ) bis-6½% kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. (a) L-i*stock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*stock* għal dawk li diġà għandhom 6½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1991 jifthu fid-9 ta' fil-għodu l-Ħamis, it-22 ta' Awissu, 1991 u jagħlqu f'nofs in-nhar tal-Ġimgħa, it-30 ta' Awissu, 1991.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għall-bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-i*Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1996/97 (il-ħames ħruġ) bis-6½% jintlaqgħu t-Teżor, bejn id-9 ta' fil-għodu tat-Tnejn, id-9 ta' Settembru, 1991 u nofs in-nhar tal-Ġimgħa, l-20 ta' Settembru, 1991, jew qabel jekk l-i*stock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm3,000,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fil-21 ta' Marzu u fil-21 ta' Settembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas ta' Lm3.25,0 kull Lm100 *Stock* relattivament għall-perijodu bejn il-21 ta' Settembru, 1991 u l-20 ta' Marzu, 1992, għandu jsir fil-21 ta' Marzu, 1992.

Eżenzjoni minn ħlas ta' Taxxi.

4. L-ewwel Lm50 imgħax fuq dan l-i*stock* huma eżentati mill-ħlas tat-Taxxa fuq il-qliegħ.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

5. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm30,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tlett snin mit-22 ta' Settembru, 1991.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parita' f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1996 u l-31 ta' Diċembru, 1997 (iż-żewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*Stock* jinfeda biss mal-konsenja taċ-Ċertifikat ta' l-i*Stock* maħruġ.